**259. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joe Brincat, jipproponi:**

Billi din il-Kamra b'riżoluzzjoni tagħha tat-23 ta' April 1980, issospendiet minnufih in-nomina tar-rappreżentanti tagħha fl-Assemblea tal-Kunsill tal-Ewropa;

U billi skond ir-regolamenti ta' dik l-Assemblea l-kredenzjali tar-Rappreżentanti ta' din il-Kamra għalqu mal-ftuħ tas-sessjoni kurrenti ta' dik l-Assemblea;

U billi din il-Kamra mhix se tibgħat rappreżentanti tagħha fl-Assemblea qabel ma l-arranġamenti dwar "pairing" jerġgħu jseħħu bħal qabel;

U billi in vista li l-mozzjoni għar-riżoluzzjoni fuq imsemmija kienet diġà quddiem il-Kamra l-kredenzjali tar-rappreżentanti ta' din il-Kamra ma ġewx imġedda kif meħtieġ u kif sar dejjem biex ikunu jistgħu jieħdu sehem fl-Assemblea;

U billi għalhekk ebda Membru tal-Parlament Malti ma seta' jattendi l-Assemblea tal-Kunsill tal-Ewropa bħala rappreżentant ta' din il-Kamra;

U billi minkejja li l-Assemblea tal-Kunsill tal-Ewropa kienet taf b'dak kollu xorta ħalliet Membri Parlamentari Nazzjonalisti jieħdu sehem fl-Assemblea;

U billi minkejja li ġew imħeġġa mill-Prim Ministru Malti biex jikkonsidraw mill-ġdid dik id-deċiżjoni huma xorta m'għamlu xejn u qed jipposponu d-deċiżjoni tagħhom bil-għan evidenti li l-Membri Parlamentari Nazzjonalisti jkomplu jieħdu sehem fl-attivitajiet ta' l-Assemblea;

Tirriżolvi li, jekk sas-7 ta' Mejju, 1980, l-awtoritajiet kompetenti tal-Assemblea Konsultattiva tal-Kunsill tal-Ewropa, ma jiddeċidux li ebda Membru tal-Parlament Malti ma jista' jattendi l-Assemblea jew jieħu sehem f'xi attività tagħha jew tal-Kunsill bħala rappreżentant Malti, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta għandu jieħu l-passi kollha biex jirtitra mill-Kunsill tal-Ewropa.

25.04.1980